# KUNSILL LOKALI MTARFA

## IL-ĦAMES LEĠIŻLATURA
## MINUTI TAL-LAQGĦA TAL-KUNSILL
## LAQGĦA NUMRU 35 – L-ERBGĦA 8 TA' FRAR 2012
## LAQGĦA B'URĠENZA

Il-Kunsill iltaqa' fis-Sala tal-Kunsill Lokali Mtarfa fis-7:00pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti : | Anthony Mifsud | Sindku |
| | Simon Paul Fenech | Viċi Sindku |
| | Antoine Vella | Kunsillier |
| | Helen Maria Bugeja | Kunsillier (waslet fis-7:10pm) |
| | Josette Micallef | Segretarju Eżekuttiv |
| Skużat: | Anatole Scerri Diacono | Kunsillier |

Ma kienx hemm attendenza mill-pubbliku waqt il-laqgħa.

**1. Proġett tal-Bosk - Miżura 313**

1.1 Is-Sindku informa li l-Kunsill kien tlaqqa' b'urġenza wara li mill-uffiċċju tal-Perit kienu nfurmaw lis-SE li l-għada kienet l-aħħar ġurnata biex il-Kunsill seta' japplika għall-permess tal-MEPA sabiex jinbeda l-proġett tal-bosk. Għaldaqstant inħass il-bżonn li tittieħed deċiżjoni mill-Kunsill kollu fir-rigward ta' din l-applikazzjoni.

1.2 Kien għaldaqstant ukoll li ntalbet tattendi għal-laqgħa s-Sinj. Marisa Marmarà, *Manager* tal-Majjistral Action Group Foundation (MAGF). Hawnhekk il-laqgħa ġiet sospiża temporanjament sabiex is-Sinj. Marmarà tkun tista' telabora aktar dwar il-proġett kif ukoll din l-applikazzjoni. Il-ħin kien is-7:05pm.

1.3 Is-Sinj. Marmarà spjegat li l-Kunsill kien ħareġ bil-proposta li jagħmel *embellishment* taż-żona tal-bosk fl-Imtarfa u wara li deher li kien hemm żball mill-Perit tal-Kunsill, reġgħet ġiet sottoposta l-applikazzjoni fejn issa l-ħlas dovut għall-MEPA huwa ta' €3880 minflok is-somma oriġinali li kienet bil-wisq akbar. Hija ssuġġeriet lill-Kunsill jevalwa din il-proposta anke jekk jiddeċiedi li ma jkomplix bit-tisbiħ għaliex għallanqas, kemm-il darba l-applikazzjoni tiġi approvata, ikollu l-permess f'idu sabiex 'il quddiem ikun jista' jattwa l-proġett.

1.4 Is-Sinj. Marmarà spjegat ukoll li l-uniċi spejjeż li l-Kunsill ikollu, minbarra l-applikazzjoni tal-MEPA, huma l-ispejjeż tal-perit, li, fil-każ li ma jaqbilx li ssir l-applikazzjoni, xorta waħda jkollu jħallashom. Hija qalet ukoll li għalkemm kien hemm possibbiltà li jkun hemm spejjeż ta' VAT, kienet għadha kif ġiet infurmata verbalment li dawn kienu se jiġu assorbiti mill-*Management Authority*.

1.5 Għall-mistoqsija dwar kif isiru l-pagamenti, is-Sinj. Marmarà infurmat li kemm-il darba l-kunsill jirnexxielu jġib garanzija ta' 110% tal-20% tas-somma globali, il-Kunsill ikun jista' jieħu 20% tas-somma bil-quddiem sabiex ikun jista' jibda jħallas lill-kredituri.

1.6 Għall-mistoqsija tal-Kunsillier Vella, is-Sinj. Marmarà kkonfermat li kemm-il darba l-Kunsill iħallas l-applikazzjoni tal-MEPA iżda ma jirnexxilux jikseb garanzija, il-Kunsill jista' ma jiffirmax kieku l-proġett ikollu jintagħżel.

1.7 Hawnhekk il-Viċi Sindku u l-Kunsilliera Vella u Bugeja ġibdu l-attenzjoni tas-Sindku li huma qatt ma kienu raw il-pjanti tal-perit kif ukoll kienu jafu ftit li xejn fuq il-proġett inniffsu. Is-Sindku ġibed l-attenzjoni li huwa wkoll kien qed jarahom għall-ewwel darba u wiegħed li hekk kif tispiċċa l-laqgħa tal-Kunsill huwa kien se jkellem lill-eks Aġent SE minħabba li kien iħoss li naqas milli jinforma lill-Kunsill b'li kien għaddej.

1.8 Is-Sinj. Marmarà ġibdet l-attenzjoni tas-SE sabiex, fl-eventwalità li l-Kunsill jaqbel li jħallas l-applikazzjoni tal-MEPA kif ukoll l-applikazzjoni tal-proġett tiġi approvata, tikkomunika mal-Awtorità tad-Djar sabiex isir ftehim ta' *Management Lease* dwar il-bosk.

1.9 Hawnhekk il-Kunsill irringrazzja lis-Sinj. Marmarà tal-intervent tagħha. Il-ħin kien it-7:50pm.

1.10 Is-Sindku rrakkomanda li l-Kunsill iħallas l-applikazzjoni. Il-Kunsillier Vella qabel miegħu iżda ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li f'dak il-każ wieħed għandu joqgħod aktar attent matul is-sena għaliex se jkun hemm wisq inqas x'jintefaq mill-allokazzjoni tal-Kunsill.

1.11 Hawnhekk is-SE ġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill li meta wieħed jikkalkula l-pagi u l-ħlasijiet oħra li jridu jsiru bilfors matul is-sena, se jkun fadal biss ftit eluf, anke minħabba li matul din is-sena l-Kunsill se jkollu joħroġ numru sostanzjali ta' offerti ġodda u għaldaqstant hemm ir-riskju li l-prezzijiet tal-offerti preżenti jogħlew.

1.12 Wara diskussjoni bejn il-membri preżenti kien hemm qbil unanimu li l-Kunsill għandu jħallas is-somma ta' €3880 lill-MEPA sabiex tiddaħħal l-applikazzjoni tal-proġett tal-bosk.

1.13 Il-laqgħa spiċċat fit-8pm.

| | |
|---|---|
| **Josette Micallef** | **Anthony Mifsud** |
| **Segretarju Eżekuttiv** | **Sindku** |